*li ma jeħilsu minnhom qatt f'għomorhom kollu. Minn hawn ġej li l-lum wieħed jitqa' ta' sikwit ma' rġiel u nisa li jaħsbuha ta' tfal, li jitkellmu fuq ħmerijiet biss u li ma għandhomx ħila jżommu konversazzjoni soda u bil-għaqal.*

*Ħafna minn dawn il-ġenituri jkellmu lil uliedhom bi kliem barrani mgħawweġ bi skop li ż-żgħar tagħhom jidraw jitkellmu lsien barrani aktar bil-ħeffa minn ċkunithom, iżda dan ma hu xejn minnu, anzi aktarx jiġri l-kuntrarju, għax bosta drabi l-ġenituri ma jkunux jafu tajjeb l-ilsien Ingliż u dawk it-tfal li meta jkunu għadhom żgħar ikellmuhom b'Ingliż imgħawweġ, meta jikbru ma jitgħallmux Ingliż tajjeb u perfett, iżda jibqgħu jitkellmu Ingliż imqanżaħ u mgħawweġ kif b'mistħija kbira ta' sikwit nisimgħu jitkellmu bl-Ingliż nies li jokkupaw karigi għoljin u li meta kienu żgħar nieshom kellmuhom għal taparsi bl-Ingliż.*

*Mela hemm periklu li dawk il-ġenituri li jkellmu lil uliedhom żgħar bi kliem barrani mgħawweġ ifixkluhom fit-tagħlim sewwa u kif imiss ta' l-ilsna barranin. Dak il-ħafna kliem Ingliż imgħawweġ u bla sens inissel dik il-għamla ta' kliem li bi tmaqdir l-Ingliżi jsejħulha "Pidgin English" jew "Ingliż taċ-Ċiniżi" u li minn taħt jidħku b'min jitkellem biha.*

*Barra dan li għidna hemm raġunijiet oħrajn għaliex min ikellem lil uliedu bi kliem barrani ta' hejm u fsied jagħmlilhom aktar ħsara milli ġid u flok li jgħin ikun ifixkel it-tagħlim tagħhom. Ħafna minn dawk il-missirijiet u ommijiet li jkellmu lil uliedhom b'ilsien barrani huma nfushom ma jkunux imħarrġin f'dak l-ilsien: ma jkunux jafu l-pronunzja u l-kostruzzjoni tiegħu, u hekk it-tfal jidraw pronunzja u kostruzzjoni difettuża li qatt ma jeħilsu minnha. Minn hawn ġej li wkoll wara li dawk it-tfal imorru l-iskola, jibqgħu dejjem lura u mqanżħin fl-ilsna barranin bla ma jkunu kapaċi jlissnu erba' kelmiet jekk ma jdumux qatigħ ilaqalqu u jgħawġu ħalqhom.*

*Min irid igħallem lil uliedu b'ilsna barranin ma għandux idallmilhom moħħom b'ħafna kliem fieragħ u taċ-ċajt, iżda meta jilħqu, għandu jibgħathom l-iskola fejn jitgħallmu skond is-sengħa minn surmastrijiet imħarrġin tajjeb; b'hekk jiksbu minn żgħurithom sisien sħaħ u qawwija li fuqhom ikunu jistgħu jibnu tagħrif fejjiedi ta' l-ilsna barranin.*



*Mela għall-ġid ta' wliedna nħalluna minn dan il-ħafna kliem imgħawweġ barranin li bħalma rajna jfixkel mhux ftit l-iżvilupp intellettwali u t-tagħlim tagħhom; inkellmuhom bi kliem sod u ċzatt li jifhmuh tajjeb u li jderrihom iħaddmu moħħom u jitkellmu bil-għaqal u bla tlaqliq.*

---

## FI TLUGĦ IX-XEMX

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Il-lejl kien twil... Intfew quddiem għajnejna
Id-Dawl u l-Ġmiel. Fil-kesħa, taħt l-irħama,
Dfinnieħa lill-Imħabba, u issa nfnejna
Bil-għira u bil-qerq ta' qlub mudlama.

Min ħaqar sar sultan : rebbieħ minn ħdejna
Għadda meqjum u mżejjen bl-aqwa fama.
Min ħabb is-Sewwa nħaqar taħt riġlejna
U f'qalbu donnha ntfiet sa l-aħħar tama.

Kemm hu sabiħ id-Dawl għal ruħ mixtieqa
Mill-ġmiel ta' l-Ideal ta' Tjieba u Mħabba,
Ta' ħajja kollha sliem, bla qerq u dieqa!

Itla', ja Xemx tan-nar! Saffi l-qlub ħżiena,
Keċċilna d-dlamijiet tad-dinja mtabbgħa
U dmugħ il-maħqurin nixxef bil-ħniena!